**MALTA**
**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR SIMONE GRECH LL.D.**

**Seduta tat-12 ta' Frar 2019**

**MB Distribution Limited (C-33398)**

**vs**

**Pasquale Petrullo**
**Petrullo Construction Limited (C-71454)**

**Il-Qorti,**

Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna ta' l-intimati ghas-somma ta' disat elef, sitt mija u sebgha u tletin Euro (EUR 9637) liema somma tirraprezenta flejjes dovuti ghall-prodotti mibjugha lill-intimati u ghas-servizzi li s-socjeta' attrici pprestat lill-intimati fuq talba taghhom u li l-istess intimati naqsu milli jhallsu minkejja li s-socjeta' rikorrenti baghtet diversi fatturi (Dok A1- Dok A4) sabiex jithallsu l-ammonti dovuti.

Is-socjeta' attrici ppremettiet ukoll li l-intimati rrendew ruhhom debituri veri, certi u likwidi tas-socjeta' attrici fi ftehim datat l-ewwel ta' Awissu tas-sena elfejn u tmintax fejn Pasquale Petrullo anke ffirma ghoxrin kambjala f' ismu u f'isem is-socjeta' Petrullo Construction Limited sabiex jaghmlu tajjeb ghall-kreditu hawn imsemmi (Dok C1- Dok C20) izda l-intimati qatt m' affettwaw l-ebda pagament.

Is-socjeta' attrici ppremettiet li l-intimati gew interpellati diversi drabi sabiex jaffettwaw dan il-pagament inkluz b' ittra ufficjali intavolata ai termini tal-artikolu mija u sitta u sittin bl-ittra 'A' tal-Kap 12 tal-Ligjiet ta' Malta izda l-intimati baqghu inadempjenti.

Wara li rat in-nota ta' mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b' hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta' l-artikoli 698(2) u 702 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Billi ghalkemm notifikati regolarment l-intimati naqsu u ma dehrux, la fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2019 meta gew pprezentati l-kapitoli u lanqas illum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

**Decide**

Ghaldaqstant, din il-Qorti qeghda taqta' din il-kawza billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-intimati in solidum bejniethom ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' disat elef, sitt mija u sebgha u tletin Euro (EUR 9637) bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz odjern lill-intimati sad-data tal-hlas effettiv. L-ispejjez kollha ta' din il-kawza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 155/18 u tal-mandat ta' sekwestru numru 1450/18 u tal-kontro mandat u tal-mandat ta' sekwestru li gew prezentati kontestwalment ma' din il-kawza ghandhom jigu sopportati mill-intimati solidalment bejniethom.

**Dr Simone Grech LL.D.**
**Magistrat**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**